MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 923/2011

**Middle Sea Insurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Roger Muscat sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Roger Muscat**

**Vs**

**Carmel Zammit**

Permezz ta' rikors prezentat fit-23 ta' Settembru 2011 ir-rikorrent qieghed jitlob ir-revoka ta' sentenza li nghatat fil-kawza **Allcare Insurance Agency Ltd nomine vs Carmel Zammit** (1078/2001) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Lulju 2002 fejn Zammit kien gie dikjarat hati ghall-incident li sehh l-20 ta' Marzu 2000 meta Roger

Muscat inqaleb bil-mutur, u ghall-hsara li garrab[1]. Il-qorti kkundannat lil Zammit biex ihallas is-somma ta' Lm1,741.48 bhala danni. Ir-rikorrent jallega li ma kienx gie notifikat bl-atti. Fir-rikors ippremetta li meta saret in-notifika kien qieghed ighix fl-Ingilterra biex jircievi kura medika. Ghalhekk qieghed jinvoka l-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 li jipprovdi:-

*"Jekk ir-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet notifikata, ma tkun deheret fis-smiegh tal-kawza."*.

Mill-atti tal-kawza 1078/2001 jirrizulta li n-notifika saret bl-affissjoni u pubblikazzjoni, wara digriet li kien inghata fl-4 ta' Dicembru 2001[2].

L-intimati wiegbu permezz ta' twegiba li pprezentaw fit-8 ta' Novembru 2011 li:-

1. Ir-rikors m'huwiex ammissibbli minhabba l-Artikolu 818(2) tal-Kap. 12.
2. Ir-rikorrent ghandu jaghti prova li rrispetta u osserva t-termini stipulati taht l-Artikolu 818 tal-Kap. 12.
3. Ir-rikorrent ma jistax jinvoka l-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 ghaliex in-notifika kienet valida, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

L-Artikolu 818(2) tal-Kap. 12 jipprovdi:-

***"Ma tista' tintalab f'ebda kaz ritrattazzjoni wara li jghaddu hames snin minn meta tkun inghatat l-ewwel sentenza."***.

[1] Fir-rapport tal-pulizija jinghad li l-incident sehh meta kelb hareg jinbah mill-fond Blue Lagoon Restaurant, Qawra. Jinghad ukoll li *"On being spoken to owner of ciwawa dog namely Carmel Zammit ID 704240M B/Hamrun 25/10/1940 R/A Blue Lagoon Hotel, Mazzola Street, Qawra. Zammit stated that it is unlikely that his dog had behaved in such a manner, but confirmed that the animal was not on a lead. He further more stressed the fact that he offered first aid, which help was refused. Dog is licensed with the police."*. Meta xehed, Zammit cahad li l-kelb kien tieghu u qal li kien ta' zewg turisti Inglizi li kienu jkunu r-restaurant tieghu.

[2] *"Rat ir-rikors. Tilqa' t-talba u tordna tali notifika ai termini tal-Art 187(3) tal-Kap. 12, u tordna wkoll li ssir il-pubblikazzjoni f'gurnal lokali wiehed (1) fl-ilsien Malti."*.

Irrispettivament ta' x'kienu c-cirkostanzi, il-provvediment jimponi terminu perentorju ta' hames (5) snin biex isiru proceduri ghal ritrattazzjoni. Ghalkemm ir-rikorrent jista' jkollu bazi biex jikkontesta l-validita' tas-sentenza minhabba li mill-provi jirrizulta li kien assenti minn Malta meta saret in-notifika, pero' dan mhux f'dawn il-proceduri. Is-sentenza nghatat fit-3 ta' Lulju 2002 filwaqt li din il-procedura bdiet bir-rikors prezentat fit-23 ta' Settembru 2011, cjoe' wara l-hames snin li tikkontempla l-ligi.

F'dawn ic-cirkostanzi m'hemmx raguni ghalfejn il-qorti toqghod titratta l-eccezzjonijiet l-oha.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------